MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 794/2000/1

**Stephen Bonnici**

**Vs**

**1. Catherine Bonnici;**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**
**3. B'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Mejju 2000 giet nominat Catherine Bonnici bhala kuratur deputat biex tirrapprezenta lill-minuri Latoya Bonnici.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur u l-konvenuta martu Catherine Bonnici ilhom separati *de facto* ‘l fuq minn sena u tmien xhur, u bejniethom hemm proceduri inizjati mill-istanti ghall-pronunzjament ta’ l-istat legali ta’ l-istess separazzjoni;

Premess illi l-imsemmija konvenuta, fil-pendenza tas-separazzjoni, kellha relazzjonijiet sesswali ma’ irgiel ohra;

Premess illi minn dawn ir-relazzjonijiet twieldet fit-30 ta’ Ottubru 1999 it-tifla minuri Latoya kif jidher mic-certifikat tat-twelid numru Progessiv 3769/99;

Premess illi l-imsemmija tarbija giet irregistrata fir-Registru Pubbliku bhala bint l-attur filwaqt li kellha tigi registrata bhala missier mhux maghruf;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li t-tarbija Latoya li twieldet lill-attrici fit-30 ta’ Ottubru 1999 mhix il-wild naturali u bijologiku ta’ l-attur Stephen Bonnici u ghalhekk twieldet minn missier mhux maghruf;

2. Konsegwentement tordna u tawtorizza illi fic-certifikat tat-twelid fuq indikat fil-parti fejn jaghti taghrif ta’ missier it-tarbija jigu koncellati isem l-attur u l-partikolaritajiet kollha dwar l-istess, billi wkoll u opportunement jsiru l-korrezzjonijiet necessarji;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi dwar il-mertu ta’ l-azzjoni ta’ denegata parternita` esercitata fil-kawza odjerna l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti;

2. Illi peress li l-attrici (*sic*) qieghda taghmel talbiet li ser jkollhom effetti rriversibbli fuq il-hajja tal-minuri in kwistjoni, jekk jintlaqghu, jinhtieg li din il-Qorti tkun tassew konvinta mill-provi migjuba qabel tiddeciedi li tilqa’ t-talbiet attrici;

3. Illi peress lil-presenza tal-konvenut hija metiega biss ghall-fini ta’ l-eventwali esegwibilita` tal-gudizzju, huwa ma kellux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota tal-konvenuta Catherine Falzon gja Bonnici pprezentata fil-11 ta’ Dicembru 2000;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Frar 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi azzjoni ta' denegata paternita` fejn l-attur qed jitlob li jiddiskonoxxi bhala wild naturali tieghu lil bint minuri Latorja Bonnici imwielda fil-kors taz-zwieg ma' martu u registrata bhala tieghu fl-Att tat-Twelid Numru 3769/99 (fol. 6);

Bhal ma gja jinsab stabbilit f'bosta sentenzi ta' din il-Qorti, kif presjeduta, azzjoni bhal din hi rizervata di diritto lir-ragel ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Kodici Civili. L-azzjoni hi intiza biex tattakka l-element presuntiv tal-paternita` tar-

ragel ta' l-omm stabbilita fl-Artikolu 67 tal-Kap. 16. Ghandha l-iskop li tirradrizza l-qaghda guridika ezistenti billi telimina l-istat ta' bint legittima tieghu u b'dan il-mod tohloq sitwazzjoni guridika gdida ghal dik pre-ezistenti;

Bl-impunjattiva ghalhekk l-att tat-twelid tal-minuri jitqieghed f'kuntrast mar-realta` tar-rapport tal-filjazzjoni;

Biex jirnexxielu fit-tentattiv tieghu l-attur jehtieglu jipprova xi wahda mill-ipotesijiet elenkati fil-precitat artikolu tal-ligi (Artikolu 70). Mhux bizzejjed ghalhekk id-dikjarazzjoni biss ta' l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel biex jeskludi l-paternita` tar-ragel (Artikolu 70(2) tal-Kodici Civili). Ghalhekk minghajr provi ohra, id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 24 tal-process ma tibbastax ghall-iskop tal-ligi;

Dawn il-provi l-ohra jikkonsistu esklussivament mid-deposizzjoni unika ta' l-attur li in succint jghid dan:-

I. Martu u hu kienu ilhom mifruda *de facto* ghal xi sentejn qabel it-twelid tal-minuri. F'dan l-istess perjodu martu kienet gja allontanat ruhha mid-dar konjugali;

II. Ukoll minn meta martu telqet mid-dar huwa ma kellu l-ebda relazzjoni sesswali maghha u fil-fatt lanqas kien jaf fejn kienet marret toqghod;

III. Hu sar jaf minn nies li martu kellha tarbija. Aktar tard martu stess permezz ta' telefonata ikkonfermatlu dan;

IV. Fil-kors ta' l-istanza odjerna hu u martu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Mejju 2000 in atti Nutar Dottor Isabelle Gonzi;

Martu illimitat ruhha biex tikkonferma l-aspetti l-aktar saljenti tal-versjoni ta' l-attur;

Minn dan fuq riportat huwa evidenti illi ghal kaz japplikaw l-ipotesijiet ta' l-adulterju tal-konvenuta, il-firda *de facto,* l-impossibilita` fizika ta' l-attur li jghammar ma' martu fiz-

zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija;

Huwa ovvju illi fejn l-attur ikun ipprova l-assenza ta' ko-abitazzjoni ma' martu, sta imbaghad ghal parti konvenuta l-oneru li tipprova, b'elementi idonei, anke cirkostanzjali, ir-repristinar, anke temporanju, tal-ko-abitazzjoni jew li xi eventwali inkontri, anke okkazjonali jew saltwarji, fuq il-bazi tal-probabilita ragjonevoli (u mhux merament possibbli), taw lok ghal rapport jew rapporti intimi. F'dan il-kaz pero`, kif gja manifest, il-konvenuta tikkonkorda mal-versjoni ta' zewgha li ko-abitazzjoni ma kienx hemm bejniethom u lanqas rapporti sesswali;

Dan ghandu bhala konsegwenza jwassal ghal konsiderazzjoni illi l-attur irnexxielu jiddimostra dak li trid il-ligi. Ipotesi wahda hi sufficcjenti. Din il-prova dimostrattiva illi fil-perjodu anterjuri ghat-twelid tal-minuri huwa ma kienx rega' nghaqad ma' martu tirrendi rrikonciljabbli d-dikjarazzjoni tal-paternita` attribwibbli lilu fuq l-att tat-twelid.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi takkolji t-talbiet attrici u tiddikjara fl-ewwel lok illi t-tarbija Latorja li twieldet fit-30 ta' Ottubru 1999 ma hijiex il-wild naturali u bijologika ta' l-attur;

Tilqa' konsegwentement it-Tieni Talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel ir-rettifikazzjoni opportuna mitluba mill-attur u dan billi fl-Att tat-Twelid Numru 3769/99 tithassar kull referenza ghall-attur jew ghal konnotati tieghu u floku jiddahhlu l-kliem "missier mhux maghruf".

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenuta Catherine Bonnici.

---------------------------------TMIEM---------------------------------